*KOLLIZZJONI - SORPASS – RES IPSO LOQUITUR*

# IL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 16 ta’ Jannar, 2001**

**Kawza Numru: 25**
**Citazzjoni Numru: 2424/99/RCP**

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta’ AXA Insurance PLC gia “Guardian Royal Exchange Ass PLC” kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Doris Frendo Azzopardi**

**vs**

**Brian Cilia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-vettura DFA 593 hija proprieta tal-assigurata u assigurata b'polza t'assigurazjoni comprehensive mal-attur nomine.

Illi fl-24 ta' Gunju 1999 go Burmarrad il-konvenut Brian Cilia kien qed isuq il-vettura AAO 993 u kkaguna incident mal-vettura DFA 593 li kienet f'idejn Doris Frendo Azzopardi u kkawza hsarat, fuq din il-vettura u ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut biss.

Illi l-attur Atlas Insurance Agency Ltd. hallsu l-ammont ta' Lm1401 (elf erba mija u wahda Liri Maltin) a bazi tal-polza t'assigurazjoni mahruga fuq DFA 593 u issa jinsab surrogati fid-drittijiet tal-assigurata taghhom ghal dan, l-ammont, u Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) excess, mhallsa mill-attrici.

Illi nterpellat ihallas, il-konvenut baqgha nadempjenti,

L-istess socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara unikament responsabbli lill-konvenut ghall-incident stradali fuq imsemmi ghar-ragunijiet hemm citati.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' Lm1426 (elf erba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin), hlief ghall-Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) excess mhallsa mill-attrici, jew somma, ohra verjuri li tillikwida dina l-Qorti, mhallsa mill-attur nomine u ghal liema somma jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurata tieghu,

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas dik is-somma hekk likwidata bhala danni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Awissu 1999 u bl-imghax tat-8% fuq Lm1426 mill-lum sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali tallum kontra Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. assiguraturi tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat il-verbali ta’ l-1 ta’ Frar 2000, tal-5 ta’ April 2000 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghat-13 ta’ Gunju 2000.

Rat ir-rikors tas-socjeta konvenuta tad-9 ta' Mejju 2000 biex ic-citazzjoni tigi notifikata lill-konvenut wara l-hinijiet legali u d-digriet tal-Qorti ta' l-10 ta' Mejju 2000 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tat-13 ta' Gunju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha attrici ghat-13 ta' Lulju 2000.

Rat il-verbal tat-13 ta' Lulju 2000 fejn il-kawza giet differita sine die.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tal-24 ta' Lulju 2000 fejn talbet li l-kawza terga tigi riappuntata u d-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Lulju 2000 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghat-18 ta' Ottubru 2000 b'dan li fi zmien tlettin jum l-attrici kellha l-fakolta li tipprezenta x-xhieda taghha bl-affidavit u fin-nuqqas il-Qorti tiehu l-provvedimenti kollha relattivi nkluzi li jkun hemm il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici ta' l-10 ta' Lulju 2000 fejn prezentaw xi affidavits minn fol 24 sa 27 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta' Ottubru 2000 fejn Dr Luciano Busuttil ghall-konvenut ta' ruhu b'notifikat bl-affidavit tas-socjeta` attrici.  Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha li fadal ghas-6 ta' Dicembru 2000.  Aktar tard deher Dr Renato Cefai li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal u nforma l-Qorti li m'ghandux aktar provi.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Dicembru 2000 fejn il-konvenut imsejjah tlett darbiet baqa’ ma deherx. Rat ix-xhieda tas-Surgent PS113 Joe Borg. Dr Renato Cefai ddikjara li m’ghandux provi aktar hlief dwar id-danni u obbliga ruhu li jipprezenta d-dokumenti relattivi fi zmien hmistax-il jum b’rendikont relattiv, u ddikjara li l-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Jannar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar kollizzjoni li grat go Burmarrad Road, Burmarrad bejn karozza Reg No DFA 593 misjuqa mill-assigurata tas-socjeta` attrici u vettura Reg No AAO 993 misjuqa mill-konvenut li l-incident gara fl-24 ta’ Gunju 1999.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg vetturi kienu ghaddejjin fl-istess triq ghall-istess direzzjoni ta’ Bugibba, meta l-konvenuta li kienet fuq l-*inner lane* fl-istess triq qalghet daqqa mill-karozza tal-konvenut fuq in-naha ta’ wara tal-lemin kif *di piu`* jirrizulta mill-iskittz u mill-

okkorrenza li gew esebiti wkoll mis-Surgent PS 113 Joseph Borg.

Illi f'cirkostanzi tali meta karozza taqla' daqqa fuq wara minghand il-konvenut dan huwa kaz ta' "*res ipsa loquitur*" fejn huwa l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, dan, il-konvenut ma rnexxielux jaghmlu w apparti l-fatt li l-konvenut ma gab ebda xhieda anke ghaliex kien kontumaci mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm huwa allega li kien qieghed jaghmel sorpass meta ra karozza gejja mill-faccata u ghalhekk biex jevita sinistru huwa kiser ghal fuq ix-xellug tieghu u habat ma l-assigurata tas-socjeta` attrici, mill-provi attwalment prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta mill-affidavit ta' Doris Frendo Azzopardi, li kienet qed issuq il-karozza assigurata, li l-karozza mill-faccata dejjem baqghet fuq in-naha taghha, b'dan ghalhekk li m'hemm ebda gustifikazzjoni ghaliex il-konvenut ghamel il-manuvra li ghamel, li kkawzat l-incident *de quo*.

Illi mill-provi prodotti u minn dak li jirrizulta u li hu vero simili ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-konvenut li kien qed jaghmel sorpass ma hax il-prewkawzjonijiet necessarji sabiex jaghmel din il-manuvra minghajr  ma jkun ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq bil-konsegwenza li pogga ruhu "*self inflicted incapacity"* b'mod li meta nduna li kien ser jikkawza skontru ma karozza gejja mill-faccata u fuq in-naha taghha,

huwa kiser fuq ix-xellug u kkaguna hsara lill-karozza tal-assigurata tas-socjeta` attrici u b'hekk tali sewqan tieghu kien il-kawza prossima ta' l-incident *de quo*.

Illi m'hemmx dubbju li l-konvenut biex ghamel dan is-sorpass u biex hass li kien ser jahbat ma vettura mid-direzzjoni opposta, fl-istat ta' fatti kif provduti mill-provi quddiem din il-Qorti, necessarjament li l-konvenut kien spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq u meta prova jaddrizza s-sitwazzjoni kien tard wisq u sar l-impatt mas-sewwieqa tal-vettura Reg No DFA 593.

Illi ghalhekk il-konvenut minhabba tali negligenza da parti tieghu ghandu inzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo*.

## III. LIKWIDAZZJONI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-danni sofferti mill-assigurata tas-socjeta` attrici kienu jammontaw ghas-somma ta' elf erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm1423) oltre ghall-*excess* ta' hamsa u ghxrin lira Maltin (Lm25) li thallsu direttament mill-istess assigurata.

Illi tali ammont ta' elf erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm1423) kien jikkomprendi l-valur ta' elf erba' mitt lira Maltin (Lm1400) tal-vettura Reg No DFA 593 li giet

dikjarata *total loss* flimkien ma ghoxrin lira Maltin (Lm20) *survey report* u tlett liri Maltin (Lm3) *Police Report.*

Illi ghalhekk l-ammont ta' danni qed jigi likwidat fl-ammont ta' elf erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm1423) u dan skond kif jirrizulta anke mill-affidavit ta' l-Avukat Dr Renato Cefai u anke peress li tali danni jirrizultaw ragonevoli u *di piu`* mhux kontestatati.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali ta' l-24 ta' Gunju 1999 f'Burmarrad Road, f'Burmarrad, kif indikat fic-citazzjoni attrici.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' elf erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm1423) imhallsa mill-attur nomine u ghall-liema somma s-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata ta' elf erba' mija u tlieta u

ghoxrin lira Maltin (Lm1423) in linea ta' danni kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 t'Awissu 1999 u ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 1999 mibghuta mis-socjeta` attrici lis-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited u bl-imghax tat-8% mid-data tal-25 ta' Mejju 2000 (data ta' notifika tac-citazzjoni attrici) sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**16 ta' Jannar 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**16 ta' Jannar 2001.**